

ANNEX I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Alkindi 0.5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Alkindi 1 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Alkindi 2 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Alkindi 5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Alkindi 0.5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Kull kapsula fiha 0.5 mg ta' hydrocortisone.

Alkindi 1 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Kull kapsula fiha 1 mg ta' hydrocortisone.

Alkindi 2 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Kull kapsula fiha 2 mg ta' hydrocortisone.

Alkindi 5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Kull kapsula fiha 5 mg ta' hydrocortisone.

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Granijiet f'kapsuli għall-ftuħ.

Il-granijiet huma bojod jew bojod fl-isfar u huma miżmuma f'kapsula iebsa (daqg 00el) trasparenti u bla kulur.

Alkindi 0.5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Il-kapsula hija stampata bil-kitba "INF-0.5" b'linka ħamra.

Alkindi 1 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Il-kapsula hija stampata bil-kitba "INF-1.0" b'linka blu.

Alkindi 2 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Il-kapsula hija stampata bil-kitba "INF-2.0" b'linka ħadra.

Alkindi 5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

Il-kapsula hija stampata bil-kitba "INF-5.0" b'linka griża.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Terapija ta' sostituzzjoni għal insuffiċjenza adrenali fit-trabi, fit-tfal u fl-adolesxenti (mit-twelid sa < 18-il sena).

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Id-doża trid tkun individwalizzata skont ir-rispons tal-pazjent individwali. Għandha tintuża l-aktar doża baxxa possibbli.

Monitoraġġ tar-rispons kliniku huwa neċessarju u l-pazjenti għandhom jiġu osservati mill-qrib għal sinjali li jistgħu jirrikjedu aġġustament tad-doża, inkluż bidliet fl-istatus kliniku li jirriżultaw minn remissjonijiet jew taħrix tal-marda, rispons individwali għall-prodott mediċinali, u l-effett ta' stress (eż. kirurġija, infezzjoni, trawma). Waqt l-istress jista' jkun neċessarju li d-doża tiżdied b'mod temporanju.

Terapija ta' sostituzzjoni f'insuffiċjenza adrenali primarja u sekondarja

Alkindi jingħata bħala terapija ta' sostituzzjoni permezz ta' amministrazzjoni mill-ħalq ta' granijiet skont il-prassi klinika, f'doża li għandha tiġi aġġustata kontra r-rispons kliniku individwali.

Id-dożi ta' sostituzzjoni rakkomandati ta' hydrocortisone huma bejn 8-10 mg/m²/jum għal pazjenti b'insuffiċjenza adrenali biss u 10-15 mg/m²/jum għal pazjenti b'iperplasia adrenali konġenitali (*congenital adrenal hyperplasia* - CAH), normalment fi tlieta jew f'erba' dożi mqassma.

F'pazjenti li għad fadlilhom xi ftit produzzjoni ta' cortisol endoġenu, doża aktar baxxa tista' tkun biżżejjed.

F'sitwazzjonijiet fejn il-ġisem huwa espost għal stress fiżiku u/jew mentali eċċessiv, pazjenti jista' jkollhom bżonn doża aktar għolja, speċjalment wara nofsinhar jew filgħaxija.

Qabel operazzjoni, waqt trawma serja jew mard f'pazjenti li huma magħrufin li għandhom insuffiċjenza adrenali jew riserva adrenali dubjuża

Qabel operazzjoni, l-anestetisti jeħtieġ li jiġu infurmati dwar jekk il-pazjent huwiex qed jieħu l-kortikosteroidi jew jekk ħax kortikosteroidi fil-passat.

F'sitwazzjonijiet anqas gravi meta ma jkunx meħtieġ l-għotimgharfa tal-hydrocortisone ġol-vini, pereżempju infezzjonijiet ta' grad baxx, deni moderat ta' kwalunkwe kawża u sitwazzjonijiet stressanti bħal proċeduri kirurġiċi minuri, għandu jkun hemm livell għoli ta' għarfien tar-riskju li tiżviluppa insuffiċjenza adrenali akuta, u d-doża normali ta' sostituzzjoni li tittieħed kuljum mill-ħalq għandha tiżdied b'mod temporanju; id-doża totali ta' kuljum ta' Alkindi għandha tiżdied billi d-doża normali tiġi rduppjata jew tripplikata. Ladarba l-episodju tal-marda interkurrenti jgħaddi, il-pazjenti jistgħu jirritornaw għad-doża normali ta' sostituzzjoni ta' Alkindi.

F'sitwazzjonijiet gravi, hemm il-ħtieġa ta' żieda immedjata fid-doża u l-amministrazzjoni ta' hydrocortisone mill-ħalq għandha tiġi sostitwita permezz ta' kura ġol-vini. L-għoti ta' hydrocortisone ġol-vini hija ġġustifikata waqt episodji ta' mard tranżitorju bħal infezzjonijiet severi, b'mod partikolari l-gastroenterite assoċjata ma' rimettar u/jew dijarea, deni għoli ta' kwalunkwe kawża jew stress fiżiku estensiv, bħal pereżempju inċidenti serji u kirurġija taħt anesteżija ġenerali. Fejn hemm bżonn ta' hydrocortisone ġol-vini, il-pazjent għandu jiġi trattat f'faċilità li għandha faċilitajiet ta' qawmien minn telfa tas-sensi f'każ li tkun qed tevolvi kriżi adrenali.

Bidla minn kura konvenzjonali bil-glukokortikoidi ill-ħalq għal Alkindi

Meta l-pazjenti jkunu qed jinqalbu minn terapija ta' sostituzzjoni konvenzjonali b'hydrocortisone, imfarrak jew imħallat, għal Alkindi, tista' tingħata l-istess doża totali ta' kuljum. Alkindi huwa terapewtikament ekwivalenti għal formulazzjonijiet orali konvenzjonali ta' hydrocortisone. Meta pazjent jinqaleb minn formulazzjonijiet orali oħrajn ta' hydrocortisone għal Alkindi, l-ineżattezza fid-dożaġġ possibbli b'formulazzjonijiet orali oħrajn ta' hydrocortisone tista' twassal għal tnaqqis relattiv fl-esponiment ta' hydrocortisone fl-istess doża nominali, li jwassal għal sintomi ta' insuffiċjenza adrenali jew kriżi (ara sezzjoni 4.4).

Doża Maqbuża

Jekk tinqabeż doża ta' Alkindi, aġhti lit-tifel/tifla tiegħek dik id-doża malli tiftakar kif ukoll id-doża li jmiss tagħhom fil-ħin tas-soltu, anke jekk dan ikun ifisser li t-tifel/tifla tiegħek jirċievu żewġ dożi fl-istess ħin.

Metodu ta' kif għandu jingħata

Il-granijiet għandhom jingħataw mill-ħalq u m'għandhomx jintmagħdu. Il-qoxra tal-kapsula m'għandhiex tinbela' iżda għandha tinfetaħ b'attenzjoni kif ġej:

- Il-kapsula tinżamm b'tali mod li l-qawwa stampata tkun fuq, u tingħata taptipa biex jiġi żgurat li l-granijiet kollha qegħdin fin-nofs ta' taħt tal-kapsula.
- Il-parti t'isfel tal-kapsula tintgħafas bil-mod.
- Il-parti ta' fuq tal-kapsula tintlewa u tinqata'.
- Il-granijiet jistgħu jiferrgħu dirett fuq ilsien it-tifel/tifla, jew jiferrgħu ġo mgħarfa li titpoġġa f'ħalq it-tifel/tifla. Għal tfal li jistgħu jieklu ikel artab, il-granijiet jistgħu jinxterdu fuq mgħarfa mimlija ikel artab b'temperatura kiesħa jew ambjentali (bħal jogurt jew purè tal-frott) u jingħataw immedjatament.
- Jintuża liema metodu jintuża, il-kapsula tingħata taptipa biex jiġi żgurat li l-granijiet tneħħew kollha.

Immedjatament wara l-għoti għandu jingħata xi tip ta' xorb bħal ilma, ħalib, ħalib tal-omm, jew ħalib tal-formula biex jgħin jiżgura li l-granijiet kollha jkunu nbelgħu.

Jekk il-granijiet jinxterdu fuq mgħarfa ta' ikel artab din għandha tingħata immedjatament (f'temp ta' 5 minuti) u mhux tinżamm għal użu fil-futur.

Il-granijiet ma jistgħux jitħalltu ma' likwidu għax b'riżultat ta' dan tista' tingħata doża anqas mid-doża sħiħa; dan jista' wkoll jaffettwa dak li jaħbi t-togħma u b'hekk tintiegħem it-togħma morra tal-hydrocortisone.

Tagħtix permezz ta' tubu nażogastriku għax hemm riskju li timblokka t-tubu nażogastriku (ara sezzjoni 4.4).

Piktogrammi ddettaljati dwar kif għandhom jiġu mogħtija l-granijiet huma inklużi fil-fuljett ta' tagħrif.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1.

Pazjenti li għandhom disfagġa (*dysphagia*) jew trabi prematuri fejn għadu ma ġiex stabbilit it-tmiġħ mal-ħalq.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Kriżi adrenali

Fejn tfal ikunu qed jirremettu jew ikunu ma jifilħux ħafna għandu jinbeda l-hydrocortisone għal golvini mingħajr dewmien, dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom jingħataw taħriġ dwar kif jagħtuh f'każ ta' emerġenza.

Il-waqfien f'daqqa tat-terapija b'hydrocortisone jirriskja li jikkawża kriżi adrenali u mewt. Insuffiċjenza adrenokortikali sekondarja kkawżata minn prodott mediċinali tista' tirriżulta minn twaqqif wisq mgħaġġel tal-kortikosteroidi u tista' tiġi mminimizzata billi d-dożaġġ tjnaqqas b'mod gradwali. Din it-tip ta' insuffiċjenza relattiva tista' tippersisti għal xhur wara l-waqfien tat-terapija; għalhekk, fi kwalunkwe sitazzjoni stressanti li sseħħ matul dak il-perjodu, għandha terġa' tinbeda t-terapija tal-kortikosteroidi.

Tista' sseħħ kriżi adrenali meta ssir bidla minn formulazzjonijiet orali konvenzjonali ta' hydrocortisone, imfarrkin jew imħalltin, għal Alkindi. Monitoraġġ mill-qrib tal-pazjenti huwa rakkomandat fl-ewwel ġimgħa wara l-bidla. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom jinfurmaw lil dawk li jieħdu ħsieb lill-pazjenti u lill-pazjenti li għandhom jingħataw aktar dożi ta' Alkindi jekk jidhru sintomi ta' insuffiċjenza adrenali. Jekk dan ikun meħtieġ, għandha tiġi kkunsidrata żieda fid-doża totali ta' kuljum ta' Alkindi u għandu jintalab parir mediku immedjat.

Tilqim

Skedi ta' sostituzzjoni ta' kortikosteroidi għal nies b'insuffiċjenza adrenali ma jikkawżawx immunosuppressjoni u għalhekk mhumiex kontraindikazzjonijiet għall-għoti ta' vaċċini ħajjin (live).

Infezzjonijiet

Infezzjoni m'għandhiex tkun aktar probabbli b'doża ta' sostituzzjoni ta' hydrocortisone, iżda l-infezzjonijiet kollha għandhom jiġu trattati bis-serjetà u doża ta' steroidi waqt perjodu ta' stress għandha tinbeda kmieni (ara sezzjoni 4.2). Pazjenti b'insuffiċjenza adrenali huma f'riskju ta' kriżi adrenali li tpoġġihom f'riskju ta' mewt waqt infezzjoni, għalhekk suspett kliniku ta' infezzjoni għandu jkun għoli u parir mingħand speċjalist għandu jiġi mfittex kmieni.

Effetti mhux mixtieqa ta' terapija ta' sostituzzjoni ta' kortikosteroidi

Ħafna mill-effetti mhux mixtieqa ta' kortikosteroidi huma relatati mad-doża u mad-dewmien tal-esponiment. Għalhekk effetti mhux mixtieqa huma anqas probabbli meta kortikosteroidi jintużaw bħala terapija ta' sostituzzjoni.

Kortikosteroidi jistgħu jikkawżaw dewmien fit-tkabbir meta jittieħdu fl-infanzia, fit-tfulija u fl-adolessenza; dan jista' jkun irriversibbli. It-trattament għandu jkun limitat għad-doża minima meħtieġa għar-rispons kliniku mixtieq u meta jkun possibbli li titnaqqas id-doża, it-tnaqqis għandu jkun gradwali. Żieda eċċessiva fil-piż flimkien ma' tnaqqis fil-veloċità tat-tul jew sintomi oħrajn jew sinjali ta' sindromu Cushing jindikaw sostituzzjoni eċċessiva ta' glukokortikoid. Trabi jeħtieġu assessjar frekwenti u għandhom jiġu evalwati tal-anqas kull 3 jew 4 xhur biex jiġi assessjat it-tkabbir, il-persjoni tad-demem, u l-benesseri ġenerali.

Id-densità minerali tal-għadam tat-tfal tista' tiġi affettwata meta jintużaw dożi ogħla ta' steroidi ta' sostituzzjoni. Għanda tintużal-aktar doża baxxa xierqa ta' steroidi skont ir-rispons tal-pazjent individwali.

Pazjenti u/jew dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom jiġu mwissija li reazzjonijiet avversi psikjatriċi potenzjalment severi; ewforija, manija, psikosi b'alluċinazzjonijiet u delirju ġew osservati f'pazjenti adulti f'dożi ta' sostituzzjoni ta' hydrocortisone (ara sezzjoni 4.8). Is-sintomi ġeneralment jitfaċċaw fi żmien ftit jiem jew ġimgħat mill-bidu tat-trattament. Ir-riskji jistgħu jkunu ogħla b'dożi

għoljin/esponiment sistemiku (ara wkoll sezzjoni 4.5), għalkemm il-bidu, it-tip, is-severità jew id-dewmien ta' reazzjonijiet ma jistgħux jiġu mbassra mil-livelli tad-doża. Il-biċċa l-kbira tar-reazzjonijiet jirkupraw wara tnaqqis jew twaqqif tad-doża, għalkemm jista' jkun meħtieġ trattament speċifiku. Il-pazjenti/dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom jiġu mħeġġin ifittxu parir mediku jekk jiżviluppaw sintomi psikoloġiċi inkwetanti, speċjalment jekk ikun hemm suspett ta' burdata depressa jew ħsibijiet ta' suwiċidju. Il-pazjenti/dawk li jieħdu ħsiebhom għandhom joqogħdu attenti għal disturbi psikjatriċi possibbli li jistgħu jseħħu jew waqt jew immedjatement wara t-tnaqqis/twaqqif tad-doża tal-isterojdi sistemiċi, għalkemm dawn it-tip ta' reazzjonijiet ma kinux irrappurtati b'mod frekwenti.

Istanzi rari ta' reazzjonijiet anafilatiċi seħħew f'pazjenti li kienu qed jieħdu kortikosteroidi, speċjalment meta pazjent kellu storja ta' allerġiji għal prodotti mediċinali.

Disturb fil-vista

Jista' jiġi rrapportat disturb fil-vista bl-użu sistemiku u topiku tal-kortikosteroidi. Jekk pazjent ikollu sintomi bħal vista mċajpra jew disturbi oħra fil-vista, il-pazjent għandu jiġi kkunsidrat għal riferiment għand oftalmologu għal evalwazzjoni ta' kawżi possibbli li jistgħu jinkludu katarretti, glawkoma jew mard rari bħal korjoretinopatija tas-serum ċentrali (*central serous chorioretinopathy*) li ġew irrappurtati wara l-użu sistemiku u topiku tal-kortikosteroidi.

Eskrement ta' granijiet

Kultant il-granijiet jidhru fl-ippurgar peress li ċ-ċentru tal-gran ma jkunx ġie assorbit fil-musrana wara li tkun irrilaxxat is-sustanza attiva. Dan ma jfissirx li l-prodott mediċinali ma kienx effettiv u l-pazjent m'għandux jieħu doża oħra għal din ir-raġuni.

Tmiġ permezz ta' tubu nażogastriku

Alkindi granijiet mhumiex adattati għall-amministrazzjoni nażogastrika għax jistgħu jimblokkaw it-tubu.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Hydrocortisone jiġi metabolizzat permezz taċ-ċitokromu P450 3A4 (CYP3A4). Għoti fl-istess ħin ta' prodotti mediċinali li jinibixxu jew jinduċu CYP3A4 jista' għalhekk iwassal għal bidliet mhux mixtieqa fil-konċentrazzjonijiet tas-serum ta' Alkindi b'riskju ta' reazzjonijiet avversi, b'mod partikolari kriżi adrenalni. Il-bżonn għal aġġustament tad-doża meta jkunu qed jintużaw dawn it-tipi ta' prodotti mediċinali jista' jiġi antiċipat u pazjenti għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib.

Prodotti mediċinali li jinduċu CYP3A4, u għalhekk potenzjalment jirrikjedu żieda fid-dożaġġ ta' Alkindi, jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- Antikonvulsivi: phenytoin, carbamazepine u oxcarbazepine
- Antibijotiċi: rifampicin u rifabutin
- Barbiturati inkluż phenobarbital u primidone
- Prodotti mediċinali antiretrovirali: efavirenz u nevirapine

Prodotti mediċinali/sustanzi li jinibixxu CYP3A4, u għalhekk potenzjalment jirrikjedu tnaqqis fid-dożaġġ ta' Alkindi, jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

- Antifungali: itraconazole, posaconazole, voriconazole
- Antibijotiċi: erythromycin u clarithromycin
- Prodotti mediċinali antiretrovirali: ritonavir
- Meraq tal-grejpfrut
- *Liquorice*

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

Hydrocortisone jista' jintuża waqt tqala għal terapija ta' sostituzzjoni. Preferibbilment, hydrocortisone jiġi metabolizzat mill-11 β HSD2 tal-plaċenta għal cortisone inattiv li jnaqqas l-esponiment tal-fetu. M'hemm l-ebda indikazzjoni li t-terapija ta' sostituzzjoni b'hydrocortisone f'nisa tqal hija assoċjata ma' konsegwenzi avversi għall-fetu.

Studji f'animali wrew tossiċità riproduttiva ta' kortikosteroidi (ara sezzjoni 5.3).

Treddigħ

Hydrocortisone jista' jintuża waqt treddigħ għal terapija ta' sostituzzjoni. Hydrocortisone jiġi eliminat mill-ħalib tas-sider tal-bniedem. Madankollu, id-dożi ta' hydrocortisone użati għat-terapija ta' sostituzzjoni probabbilment ma jaffettwawx klinikament u b'mod sinifikanti lit-tifel/tifla.

Fertilità

M'hemmx data disponibbli dwar effetti possibbli ta' Alkindi fuq il-fertilità.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Alkindi m'għandha l-ebda effett jew fit li xejn għandu effett fuq il-ħila biex twettaq kompiti tas-sengħa (eż. sewqan tar-rota) jew tħaddem magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

Totali ta' 30 raġel adult f'saħħtu (iżda b'soppressjoni ta' dexamethasone) f'żewġ studji ta' fażi 1 u 24 pazjent pedjatriku b'insuffiċjenza adrenali f'żewġ studji ta' fażi 3 ngħataw trattament b'Alkindi. Ma kien hemm l-ebda reazzjoni avversa u fl-ebda mill-istudji ma dehru episodju ta' kriżi adrenali.

Fil-prassi klinika, il-biċċa l-kbira tar-reazzjonijiet avversi kienu ħfief u awtolimitanti iżda għet osservata kriżi adrenali fil-ħin tal-bidla minn prodotti oħra tal-hydrocortisone u huwa rakkomandat li l-pazjenti jiġu mmonitorjati fil-ħin tal-bidla (ara sezzjoni 4.4).

Lista f'tabella tar-reazzjonijiet avversi

Ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin ġew irrapportati fil-letteratura xjentifika bi frekwenza mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli) f'pazjenti adulti għal prodotti mediċinali oħra li fihom hydrocortisone meta ngħataw bħala terapija ta' sostituzzjoni għal insuffiċjenza adrenali.

Tabella 1 – Reazzjonijiet avversi

Sistema tal-klassifika tal-organi MedDRA	Frekwenza: mhux magħrufa
Disturbi psikjatriċi	Psikosi b'alluċinazzjonijiet u delirju Manija Ewforija
Disturbi gastrointestinali	Gastrite Nawsja
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja	Hypokalaemic alkalosis

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

Meta pazjent jinbidel minn formulazzjonijiet orali oħra ta' hydrocortisone għal Alkindi, ineżattezza fid-dożaġġ possibbli ma' formulazzjonijiet orali oħra ta' hydrocortisone tista' twassal għal tnaqqis relattiv fl-esponiment għall-hydrocortisone fuq l-istess doża nominali, li jwassal għal sintomi ta' insuffiċjenza adrenali bħal għeja, irqad eċċessiv, nuqqas ta' ikel, jew kriżi adrenali (ara sezzjoni 4.4).

Gruppi storiċi ta' adulti ttrattati għal CAH mit-tfulija nstabu li għandhom anqas densità minerali tal-għadam u rati oġhla ta' ksar u dewmien fit-tkabbir (ara sezzjoni 4.4). Mhuwiex ċar jekk dawn jirrelatawx ma' terapija ta' hydrocortisone li tuża metodi ta' sostituzzjoni attwali.

Rapportar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrapportati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrapportaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rapportar nazzjonali elenkata f' [Appendiċi V](#).

4.9 Doża eċċessiva

Rapporti ta' tossiċità akuta u/jew ta' mwiet wara doża eċċessiva ta' hydrocortisone huma rari. M'hemm l-ebda antidotu disponibbli. Probabbilment l-ebda trattament mhuwa indikat għal reazzjonijiet minħabba avvelenament kroniku sakemm il-pazjent m'għandux kundizzjoni li tirrendih/a abnormalment suxxettibbli għall-effetti ħżiena ta' hydrocortisone. F'dan il-każ, għandu jinbeda trattament tas-sintomi kif meħtieġa.

Il-*half life* bijoloġika ta' hydrocortisone hija madwar 100 minuta.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Grupp farmakoterapewtiku: Kortikosteroidi għal użu sistemiku, glukokortikoidi, kodiċi ATC: H02AB09.

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Hydrocortisone huwa glukokortikoid. Glukokortikoidi huma steroidi adrenokortikali, li jseħħu kemm b'mod naturali kif ukoll b'mod sintetiku, li huma assorbiti faċilment mill-passaġġ gastrointestinali.

Effetti farmakodinamiċi

Hydrocortisone huwa maħsub li hu l-kortikosteroid prinċipali li joħroġ mill-kortiċi adrenali (*adrenal cortex*). Il-glukokortikoidi li jseħħu b'mod naturali (hydrocortisone u cortisone), li għandhom ukoll karatteristiċi li jżommu l-melħ, jintużaw bħala terapija ta' sostituzzjoni fi stati ta' defiċjenza adrenokortikali. Jintużaw ukoll għall-effetti anti-infjammatorji potenti tagħhom f' disturbi ta' bosta sistemi tal-organi. Il-glukokortikoidi jikkawżaw effetti metaboliċi qawwija u varji. Barra minn hekk jimmodifikaw ir-rispons immunitarju tal-ġisem għal stimuli differenti.

Effikaċja klinika u sigurtà

Popolazzjoni pedjatrika

L-istudju ċentrali kien prova *open-label* b'doża waħda f'ċentru wieħed f'24 pazjent pedjatriku ta' anqas minn 6 snin li kienu jeħtieġu terapija ta' sostituzzjoni għal insuffiċjenza adrenali minħabba CAH, falliment adrenali primarju jew ipopituitarism (*hypopituitarism*). L-istudju kien jikkonsisti fi tliet gruppi konsekuttivi, l-ewwel wieħed kien fih 12-il pazjent minn età ta' sentejn (2) sa anqas minn

6 snin, it-tieni kien fih 6 pazjenti minn età ta' 28 jum sa anqas minn sentejn (2), u t-tielet kien fih 6 trabi tat-twelid minn età tat-twelid sa anqas minn 28 jum.

Minn dawn l-24 pazjent, 23 instab li kellhom CAH u 1 instab li kellu ipopitwitariżmu li jinkludi ipotirojdiżmu (*hypothyroidism*). Pazjent 1 kellu ipoplażja renali, pazjent 1 dermatite atopika u pazjent 1 kellu r-rinite. L-istudju uża doża waħda ta' granijiet Alkindi ekwivalenti għad-doża ta' filgħodu tal-ġurnata ta' qabel tal-kura normali bil-glukokortikoids ta' kull pazjent. Id-doża mogħtija ta' Alkindi varjat minn 1 mg - 4 mg. Ġenituri/dawk li jieħdu ħsieb il-pazjenti (u fejn kien possibbli t-fal) assessjaw il-palatabilità (togħma) ta' Alkindi wara l-għoti bl-użu ta' skala Likert ta' 5 punti.

Peress li dan kien studju ta' doża waħda, l-assessjar primarju tal-effikaċja kien cortisol fis-serum wara 60 minuta. F'kull wieħed mill-24 pazjent instab li Alkindi żied il-valur ta' cortisol mill-linja bażi kif mistenni: il-linja bażi medjana ta' cortisol 14.1 nmol/l (medda 14.1 - 104.5), medjan C_{max} 535.2 nmol/l (medda 346.2 - 1445.1).

F'termini ta' palatabilità (togħma), Alkindi ġie vvalutat fil-pożittiv. Fost ġenituri u dawk li jieħdu ħsieb il-pazjent li ġew mistoqsija dwar l-esperjenza tat-tifel/tifla tagħhom dwar it-teħid tal--mediċina (n=23), 82.6% qablu/qablu bis-sħiħ li t-tifel/tifla sab/et Alkindi faċli biex jinbela'; 65.2% qablu/qablu bis-sħiħ li t-tifel/tifla tagħhom urew reazzjoni pożittiva wara l-għoti ta' Alkindi; 95.5% ikunu kuntenti jagħtu Alkindi lit-tifel/tifla tagħhom fil-futur; u 95.5% qalu li jippreferu Alkindi għall-kura tat-tifel/tifla tagħhom mill-formula ta' hydrocortisone li jużaw normalment. Sitta mit-12-il tifel u tifla fi Grupp 1 (età ta' bejn 2.6 u 4.7 snin) wiegħbu għal kwestjonarju aġġustat dwar il-palatabilità (togħma). >≥% tas-suġġetti rrapportaw li t-togħma, kif tinħass il-mediċina fil-ħalq u l-kapaċità li tinbela' faċilment kienu tajbin ħafna u li huwa probabbli li jerġgħu jieħdu l-prodott mediċinali. 68.8% ta' voluntiera adulti b'saħħithom iddeskrivew it-togħma bħala newtrali.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Wara għoti mill-ħalq, hydrocortisone jiġi assorbit malajr mill-passaġġ gastrointestinali u Alkindi għal għoti mill-ħalq 4x5 mg kienet madwar 87% biodisponibbli meta mqabbla ma' hydrocortisone fil-vina f'voluntiera rġiel adulti f'saħħithom li għandhom soppressjoni ta' dexamethasone.

L-għoti flimkien ta' Alkindi ma' ikel artab (jogurt u purè tal-frott) ġie studjat *in vitro* u ma ġie osservat l-ebda effett sinifikanti fuq it-taħlil (*dissolution*).

Studju *in vivo* f'voluntiera b'saħħithom ma wera l-ebda differenza sinifikanti fl-esponiment globali meta Alkindi ngħata doża ta' ikel jew sawm.

Distribuzzjoni

90% jew aktar ta' hydrocortisone fiċ-ċirkulazzjoni huwa marbut b'mod riversibbli mal-proteini.

Ir-rabta hija dovuta għal żewġ frazzjonijiet tal-proteina. Waħda, globulina li torbot il-kortikosteroidihija glikoproteina; l-oħra hija albumina.

Bijotrasformazzjoni

Hydrocortisone huwa metabolizzat fil-fwied u f'ħafna mit-tessuti tal-ġisem għal forom idroġenati u degradati bħal tetrahydrocortisone u tetrahydrocortisol li huma mneħħija fl-awrina, prinċipalment konjugati bħala glukuronidi, flimkien ma' proporzjon żgħir ħafna ta' hydrocortisone mhux mibdul.

Il-*half life* terminali ta' hydrocortisone hija madwar 1.5 sigħat (siegħa u nofs) wara dożaġġ fil-vini u mill-ħalq ta' pinnoli tal-hydrocortisone u Alkindi f'voluntiera rġiel adulti b'saħħithom li għandhom soppressjoni ta' dexamethasone.

Ma twettaq ebda studju f'pazjenti b'indeboliment renali u epatiku.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Għoti ta' kortikosterjods lil annimali tqal jista' jikkawża anormalitajiet fl-iżvilupp tal-fetu inkluż qasma konġenitali fis-saqaf tal-ħalq (*cleft palate*), dewmien fit-tkabbir intrauterin u effetti fuq it-tkabbir u l-iżvilupp tal-moħħ.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Granijiet

Microcrystalline cellulose
Hypromellose
Magnesium stearate
Ethyl cellulose

Kapsula

Hypromellose

Linka ta' stampar

Shellac
Propylene glycol
Soluzzjoni ta' ammonja konċentrata

Alkindi 0.5 mg kapsuli (linka ħamra)

Red iron oxide (E172)
Potassium hydroxide

Alkindi 1 mg kapsuli (linka blu)

Indigotine (E132)

Alkindi 2 mg kapsuli (linka ħadra)

Indigotine (E132)
Yellow iron oxide (E172)
Titanium dioxide (E171)

Alkindi 5 mg kapsuli (linka griża)

Titanium dioxide (E171)
Black iron oxide (E172)
Potassium hydroxide

6.2 Inkompatibiltajiet

Mhux applikabbli

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

3 snin.

Wara li jinfetħ għall-ewwel darba: 60 jum.

6.4 Prekawżjonijiet speċjali għall-ħażna

Taħżinx f' temperatura 'l fuq minn 30°C. Aħżen fil-flixxun oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Il-kapsuli huma pprovduti fi fliexken tal- high-density polyethylene b'għeluq tal-polypropylene b' aġent tat-tnixxif integrat.

Daqs tal-pakketti:

Flixxun wieħed fih 50 kapsula

6.6 Prekawżjonijiet speċjali għar-rimi u għal immaniġġar ieħor

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Diurnal Europe B.V.

Van Heuven Goedhartlaan 935 A

1181LD Amstelveen

In-Netherlands

Tel. +31 (0)20 6615 072

info@diurnal.co.uk

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/17/1260/001

EU/1/17/1260/002

EU/1/17/1260/003

EU/1/17/1260/004

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 09 ta' Frar 2018

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: <http://www.ema.europa.eu>.

ANNEX II

- A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTUR(I) RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Delpharm Lille SAS
Parc d'Activités Roubaix-Est
22 rue de Toufflers CS 50070
Lys Lez Lannoy, 59 452
Franza

Wasdell Europe Limited
IDA Dundalk Science and Technology Park
Mullagharlin
Dundalk
Co.Louth, A91 DET0
L-Irlanda

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott ikkonċernat.

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal- ġestjoni tar-riskju (RMP)**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

ANNES III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA 0.5 MG KAPSULI

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Alkindi 0.5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ
hydrocortisone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull kapsula fiha 0.5 mg ta' hydrocortisone.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

50 kapsuli

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Għal użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Tiblaq il-kapsula, hemm riskju ta' fgar.

8. DATA TA' SKADENZA

EXP

Uża l-kapsuli fi żmien 60 jum wara li jinfetaħ il-flixxkun.

Data meta nfetaħ:

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C. Aħżen fil-flixxkun oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl.

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Diurnal Europe B.V., Van Heuven Goedhartlaan 935 A,
1181LD Amstelveen,
In-Netherlands

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/17/1260/001 50 kapsuli

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Alkindi 0.5 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

Barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

TIKKETTA TAL-FLIXKUN 0.5 MG KAPSULI

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Alkindi 0.5 mg granijiet f'kapsuli għall-ftuħ
hydrocortisone

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull kapsula fiha 0.5 mg ta' hydrocortisone.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

Granijiet f'kapsuli għall-ftuħ

50 kapsuli

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Għal użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

Tiblaħ il-kapsula, hemm riskju ta' fgar.

8. DATA TA' SKADENZA

EXP

Uża l-kapsuli fi żmien 60 jum wara li jinfetaħ il-flixkun.

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 30°C. Aħżen fil-flixkun oriġinali sabiex tilqa' mid-dawl.

10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Diurnal Europe B.V., Van Heuven Goedhartlaan 935 A,
1181LD Amstelveen,
In-Netherlands

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

